MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 112/2006

**A B *sive* C D**
**vs**
**E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-18 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

Illi bejn il partijiet hemm pendenti il proceduri fuq premessi ghas-separazzjoni personali;

Illi il-partijiet ilhom separati de facto minn Ottubru tas-sena 2005;

Illi l-attrici ghadha ma ghalqitx il provi u l-esponent ghandu interess li jottjeni it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il partijiet;

Illi l-assi tal komunjoni tal-akkwisti jinkludu assi mobbli biss li ghadhom iridu jigu likwidati u divisi u li jinkludu :

- Tlett vetturi;
- 1/3 mill-Ishma fis socjeta Island Ferry Three Company Limited;
- 250 Ishma fis-socjeta AllEce Cruises Limited;
- 250 Ishma fis-socjeta Buccaneer Services Limited;
- Illi AllEce Cruises Limited u Buccaneer Services Limited huma non operational.

Dawn l-ismha u vetturi huma kollha milquta b' Mandati ta' Inibizzjoni li ottjeniet l-attrici kontra l-intimat li ghadhom vigenti;

U dan oltre krediti u pretensjonijiet li qed iressaq l-esponent fil-kawza odjerna kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet a tenur tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna in-notifika tal-imsemmi ordni taghha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tigi iskritta skond il-Ligi.

Illi l-attrici fir-risposta taghha tal-24 ta' Frar ma oggezjonatx ghat-talba sabiex il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tigi terminata b'effett minn Ottubru 2005 bla pregudizzju ghall-pretensjonijiet taghha fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti u bla pregudizzju ghall-mandat ta' inibizzoni mahrug fuq talba taghha.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat;

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.

(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.

(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.

(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.

(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.

(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti ssentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.

(7) Il-qorti tista’ iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista’ fl-ordni tistabbilixxi.

(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista’, għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.”

Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta’ konjugi, l-qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta’ tali waqfien waqt il-kawza. L-artikolu 55 pero’ ma jaghtix il-poter lill-Qorti li xxolji l-komunjoni tal-akkwisti b’ effett retroattiv.

Fic-cirkostanzi tal-kaz in dizamina l-Qorti mhiex qed tara li jekk it-talba tintlaqa’, l-attrici ser tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat tenut kont anke tal-fatt li l-istess attrici ma hijiex qed topponi tali talba.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda:

1. Tilqa’ t-talba maghmula mill-konvenut bir-rikors fuq imsemmi u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet bis-sahha tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta b’effett mill-31 ta’ Ottubru 2005.

2. Tordna li a spejjez tal-konvenut din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistraha fir-Registru Pubbliku.

Jibqghu impregudikati l-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet fil-konfront ta’ xulxin mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk jibqghu in vigore l-mandati kawtelatorji mahruga fuq talba ta’ xi wahda mill-partijiet fil-konfront ta’ xulxin.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------